

Brussell, 12 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5094/26

LIMITE

ECOFIN 10

UEM 8

ECB

EIB

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fil-Finlandja

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta'
defiċit eċċessiv fil-Finlandja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 126(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) L-Artikolu 126(1) TFUE jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċits eċċessivi tal-gvern.
- (2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq l-oġettiv ta' finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir b'saħħtu, sostenibbli u inklużiv mirfud minn stabbiltà finanzjarja, u b'hekk jappoġġa l-kisba tal-oġettivi tal-Unjoni għal tkabbir u impjiegi sostenibbli.
- (3) Fi [DATA], il-Kunsill iddeċieda, f'konformità mal-Artikolu 126(6) TFUE, li kien jeżisti defiċit eċċessiv fil-Finlandja minħabba nuqqas ta' konformità mal-kriterju tad-defiċit¹.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' [DATA] dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fil-Finlandja, id-dokument ST 5093/26.

- (4) L-Artikolu 126(7) TFUE u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97² jirrikjedu li l-Kunsill jadotta rakkomandazzjoni indirizzata lill-Istat Membru kkonċernat bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv f'perjodu stabbilit. F'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, dik ir-rakkomandazzjoni sservi wkoll biex tiġi stabbilita skadenza massima ta' sitt xhur għal azzjoni effettiva li għandha tittieħed mill-Istat Membru kkonċernat biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv, li tista' titnaqqas għal tliet xhur meta jkun iġġustifikat mis-serjetà tas-sitwazzjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill għandu jirrakkomanda li l-Istat Membru jimplimenta perkors tan-nefqa netta korrettiva³, li jiżgura li d-defiċit tal-gvern estiż jinġieb u jinżamm taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) sal-iskadenza stipulata f'dik ir-rakkomandazzjoni. Meta l-proċedura ta' defiċit eċċessiv tkun infetħet abbażi tal-kriterju tad-defiċit, il-perkors tan-nefqa netta korrettiva għandu, skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, ikun konsistenti ma' aġġustament strutturali annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 punti perċentwali tal-PDG bħala parametru referenzjarju għas-snin meta d-defiċit tal-gvern estiż ikun mistenni jaqbeż il-valur referenzjarju. Il-Kummissjoni tista', matul perjodu ta' tranżizzjoni fl-2025, l-2026 u l-2027, taġġusta l-parametru referenzjarju biex tqis iż-żieda fin-nefqa fuq l-imgħax meta tkun qed tistabbilixxi l-perkors tan-nefqa netta korrettiva propost għal daww is-snin, filwaqt li tqis il-premessa 23 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264. Il-perkors korrettiv, fejn meħtieġ, ser ikun ibbażat fuq projezzjonijiet aġġornati prodotti mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija għall-Analiżi tas-Sostenibbiltà tad-Dejn. L-Istat Membru kkonċernat jista' jindika lill-Kummissjoni kwistjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jqis rilevanti għall-istabbiliment tal-perkors korrettiv.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1467/2024-04-30>) kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264 tad-29 ta' April 2024 (ĠU L, 2024/1264, 30.4.2024).

³ Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263, "nefqa netta" tfisser in-nefqa tal-gvern netta min-nefqa fuq l-imgħax, mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, min-nefqa fuq programmi tal-Unjoni ffinanzjati bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni, min-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni, mill-elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad, u minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra.

- (5) Fl-2024 il-PDG reali fil-Finlandja kiber b'0,4 %. Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2025 tal-Kummissjoni, fl-2025 l-ekonomija tal-Finlandja mistennija tikber b'0,1 %. It-tkabbir huwa xprunat mill-esportazzjonijiet netti u l-investiment; madankollu, l-impatt pożittiv ta' dawn il-komponenti huwa fil-biċċa l-kbira kkompensat minn tnaqqis fil-konsum pubbliku u privat. Il-PDG reali mistenni jiżdied b'0,9 % fl-2026 u b'1,2 % fl-2027, xprunat minn żieda fil-konsum privat u l-investiment filwaqt li l-esportazzjonijiet netti jonqsu. Ir-rata tal-qgħad mistennija tilħaq id-9,5 % fl-2025 u tonqos għal 9,3 % fl-2026 u 9,0 % fl-2027. L-inflazzjoni mistennija tiżdied minn 1,0 % fl-2024 għal 1,9 % fl-2025. Meta wieħed iħares 'il quddiem, ir-rata tal-inflazzjoni hija pprojetjata għal 1,6 % fl-2026 u 2,0 % fl-2027.
- (6) Skont id-data pprovduta mill-Eurostat fil-21 ta' Ottubru 2025⁴, fl-2024 id-defiċit tal-gvern estiż fil-Finlandja kien ta' 4,4 % tal-PDG. It-Tbassir tal-Ħarifa 2025 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern estiż ta' 4,5 % tal-PDG fl-2025 u 4,0 % tal-PDG fl-2026, u b'hekk ogħla mill-valur referenzjarju fis-sentejn li huma. Skont il-kalkoli tal-Kummissjoni⁵, dawn l-iżviluppi jikkorrispondu għal rata ta' tkabbir tan-nefqa netta ta' 1,2 % fl-2025 u 1,8 % fl-2026. Id-defiċit strutturali huwa pprojettat li jkun 2,9 % tal-PDG fl-2025 u mistenni jiżdied b'0,2 punti perċentwali tal-PDG fl-2026.
- (7) Fi tmiem l-2024, id-dejn tal-gvern estiż kien ta' 82,5 % tal-PDG. Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2025 tal-Kummissjoni, abbażi ta' politiki eżistenti, huwa pprojettat li jiżdied għal 88,1 % tal-PDG fi tmiem l-2025 u 90,9 % tal-PDG fi tmiem l-2026, u b'hekk jibqa' 'l fuq mill-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG.

⁴ L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat ippubblikati fit-22 ta' Ottubru 2025. Ara: <https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-euro-indicators/w/2-21102025-AP>.

⁵ Id-Dokument ta' Hidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2025) 951, "Fiscal statistical tables providing background data relevant for the assessment of the budget policies of the Member States", 25.11.2025.

- (8) Il-perkors tan-nefqa netta korrettiva f'din ir-rakkomandazzjoni huwa konsistenti mal-aġġustamenti strutturali annwali minimi, jew mal-aġġustamenti primarji strutturali, ta' mill-inqas 0,5 punti perċentwali tal-PDG, f'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 u mal-Premessa 23 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264. Abbażi tas-suppożizzjonijiet makroekonomiċi mit-Tbassir tal-Ħarifa 2025 tal-Kummissjoni, il-perkors tan-nefqa netta korrettiva f'din ir-rakkomandazzjoni jikkorrispondi għal aġġustament fil-bilanċ primarju strutturali ta' 0,5 punti perċentwali tal-PDG kemm fl-2026 kif ukoll fl-2027. Għas-sena 2028, li tiġi wara l-perjodu li matulu l-Kummissjoni tista' tqis iż-żieda fin-nefqa fuq l-imġħax, l-aġġustament fil-bilanċ strutturali huwa ta' 0,5 punti perċentwali u l-aġġustament fil-bilanċ primarju strutturali huwa ta' 0,6 punti perċentwali tal-PDG.
- (9) Il-perkors tan-nefqa netta korrettiva f'din ir-rakkomandazzjoni jissostitwixxi r-rati massimi ta' tkabbir għan-nefqa netta għall-2026 'il quddiem stabbiliti fil-punt 1 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju tal-Finlandja⁶.
- (10) Abbażi tar-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati għan-nefqa netta, bħala l-unika referenza operazzjonali tal-monitoraġġ tal-konformità, li hija stabbilita f'din ir-rakkomandazzjoni, u abbażi tal-qafas tal-projezzjoni tad-dejn tal-gvern fuq terminu medju tal-Kummissjoni u t-Tbassir tal-Ħarifa 2025 tal-Kummissjoni, id-defiċit tal-gvern estiż huwa pprojetat li jonqos minn 4,5 % tal-PDG fl-2025 għal 2,7 % sal-2028.
- (11) Abbażi tal-perkors tan-nefqa netta korrettiva f'din ir-rakkomandazzjoni, il-qafas tal-projezzjoni tad-dejn tal-gvern fuq terminu medju tal-Kummissjoni, u t-Tbassir tal-Ħarifa 2025 tal-Kummissjoni, id-dejn tal-gvern estiż ser ikompli jżied minn 82,5 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal 93,5 % fi tmiem l-2028.

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Finlandja (ĠU C, C/2025/656, 10.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/656/oj>).

- (12) Il-konformità mar-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati tan-nefqa netta stabbiliti mill-perkors korrettiv għandha tiżgura korrezzjoni dejjiema tad-defiċit eċċessiv, filwaqt li miżuri konkreti għandhom ikunu mmirati lejn it-tisħiħ tal-kwalità u l-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi, il-preservazzjoni tal-investiment u t-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija. Ir-riformi ta' natura fiskali u ekonomika usa' għandhom itejbu l-potenzjal tat-tkabbir u tar-reżiljenza tal-ekonomija b'mod sostenibbli, u jappoġġaw is-sostenibbiltà fiskali.
- (13) F'dan ir-rigward, il-punt 2 u l-Anness II ("Sett ta' riformi u investimenti li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament għal 7 snin") tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fuq terminu medju tal-Finlandja, għadhom japplikaw. L-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi u l-investimenti ser tkompli tiġi mmonitorjata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament 2024/1263⁷.
- (14) Fit-30 ta' April 2025, il-Finlandja talbet l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali biex takkomoda nfiq ogħla fid-difiża, f'konformità mal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2024/1263 u wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025⁸. Wara li saret din it-talba, fit-8 ta' Lulju 2025, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni⁹ li tippermetti lill-Finlandja tiddevja minn, u taqbeż, ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fuq terminu medju tal-Finlandja, għall-perjodu 2025–2028.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir" 19.3.2025, C(2025) 2000 final.

⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tippermetti lill-Finlandja tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 (Attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali) (ĠU C, C/2025/3966, 20.8.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3966/oj>).

- (15) Il-flessibbiltà pprovduta mill-klawżola liberatorja nazzjonali għandha titqies ukoll fl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, u meta jiġi vvalutat jekk il-Finlandja ħaditx azzjoni effettiva. Għalhekk, sal-2028, il-perkors tan-nefqa netta korrettiva stabbilit f'din ir-rakkomandazzjoni huwa kkomplementat mill-flessibbiltà li hija permessa miż-żieda fin-nefqa fid-difiża¹⁰ skont il-klawżola liberatorja nazzjonali. Sabiex jiġi żgurat li s-sostenibbiltà fiskali ma tiġix ipperikolata, din ir-Rakkomandazzjoni għandha tistabbilixxi l-flessibbiltà massima, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025. Għal dak il-għan, il-flessibbiltà massima ġenerali skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv għandha tkun limitata għall-flessibbiltà li ma tkunx intużat matul il-perjodu ta' qabel il-perkors tan-nefqa netta f'din ir-rakkomandazzjoni.
- (16) Abbażi tal-projezzjonijiet tal-Kummissjoni,¹¹ il-Finlandja mistennija li ma tkunx qabżet ir-rata massima ta' tkabbir tan-nefqa netta għall-2025 irrakkomandata mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025, u għalhekk li ma tkun użat l-ebda flessibbiltà permessa mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025. B'riżultat ta' dan, il-flessibbiltà massima tkompli tiġi definita bħala ż-żieda fin-nefqa fid-difiża f'perċentwal tal-PDG mill-2021, u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn 1,5 % tal-PDG.
- (17) F'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, deċiżjoni tal-Kunsill biex titħassar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv għandha tittieħed biss skont l-Artikolu 126(12) TFUE meta d-defiċit ikun inġieb taħt il-valur referenzjarju u jkun ipprojetat mill-Kummissjoni li jibqa' hekk fis-sena attwali u dik ta' wara.

¹⁰ Nefqa fid-difiża ffinanzjata fil-livell nazzjonali kif definita fil-Klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG02).

¹¹ Id-Dokument ta' Hidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2025) 951 final, "Fiscal statistical tables providing background data relevant for the assessment of the budget policies of the Member States", 25.11.2025.

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

1. Il-Finlandja għandha tiżgura li r-rati ta' tkabbir nominali tan-nefqa netta ma jaqbżux il-massimi stipulati fl-Anness I.
2. Għaldaqstant, il-Finlandja għandha ttemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv sal-2028.
3. Il-Kunsill jistabbilixxi l-iskadenza tat-30 ta' April 2026 biex il-Finlandja tieħu azzjoni effettiva u tippreżenta l-miżuri meħtieġa flimkien mar-rapport ta' progress annwali tagħha tal-2026, li għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2024/1263. Minn dak inhar 'il quddiem, il-Finlandja għandha tirrapporta dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni mill-inqas kull sitt xhur, fir-rebbiegħa fil-kuntest tar-rapporti ta' progress annwali tagħha, u fil-ħarifa fil-kuntest tal-abbozzi ta' pjanijiet baġitarji tagħha, sakemm id-defiċit eċċessiv ikun ġie kkoreġut.
4. Sal-2028, il-Finlandja tista' taqbeż ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-punt 1 ta' din ir-Rakkomandazzjoni, sal-punt li n-nefqa netta li taqbeż daww ir-rati massimi ta' tkabbir ma tkunx aktar minn:
 - (a) iż-żieda fin-nefqa fid-difiża f'perċentwal tal-PDG mill-2021;
 - (b) dment li d-devjazzjoni li taqbeż ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta ma taqbiżx il-1,5 % tal-PDG.

5. Sabiex tiġi żgurata r-reġistrazzjoni korretta tan-nefqa addizzjonali, il-Finlandja għandha tinkludi data attwali u ppjanata dwar in-nefqa totali fid-difiża (id-diviżjoni 02 tal-COFOG), inkluż l-investiment fid-difiża (id-diviżjoni 02 P.51 tal-COFOG) u kwalunkwe nefqa li għandha tiġi ffinanzjata mis-self SAFE li mhix koperta fil-COFOG-02:
- (a) għas-snin T-4, T-3, T-2 u T-1 (bis-sena T tkun is-sena kurrenti) fir-rapportar lill-Kummissjoni (Eurostat) f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009¹²;
 - (b) għas-snin 2021 sas-sena T (is-sena kurrenti), fil-pjanijiet strutturali fiskali nazzjonali fuq terminu medju u fir-rapporti ta' progress annwali f'konformità mal-Artikolu 11(1), l-Artikolu 15, u l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2024/1263;
 - (c) għas-snin T (is-sena attwali) u T+1 fl-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 473/2013¹³.

Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Finlandja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1-9, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/479/2014-09-01>).

¹³ Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠU L 140, 27.5.2013, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/473/oj>).

Rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta
(rati ta' tkabbir annwali u kumulattiv, f'termini nominali)

Il-Finlandja

Snin		2026	2027	2028
Rati ta' tkabbir (%)	Kull sena	1.3	1.5	1.8
	Kumulattivi*	2.5	4.1	5.9

* Ir-rati ta' tkabbir kumulattivi huma kkalkulati b'referenza għas-sena bażi tal-2024.